MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Numru. 107/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**

**VS**

**Lawrence Grech, iben missier mhux maghruf u Carmen nee' Grech, imwieled Tal-Pieta' nhar l-10 ta' Awwissu, 1972, residenti fil-fond Ruby, Flat 1, Triq il-Brunzar, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita' numru 346672M;**
**U Charles Falzon, iben Rosario u Salvu nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar is-27 ta' Jannar, 1984, residenti fil-fond numru 265, St Albert Street, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' numru 74084M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Lawrence Grech** u **Charles Falzon** li gew akkuzati talli:

**Lawrence Grech wahdu talli:**

Nhar is-6 ta' Frar, 2004 ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart, fin-Naxxar, iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat, b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu, u cioe' l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LMC321;

**U aktar talli Charles Falzon wahdu** akkuzat talli:

Nhar is-6 ta' Frar, 2004, ghall-habta tal-11.00 ta' bil-lejl, f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hsssar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LMC321, liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt Lira Maltija, u li saret ghad-detriment ta' Lawrence Grech minn Santa Venera;

U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt ta' holqien ta' reat kif stipulat fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-atti li bihom dawn id-delitti ikunu gew ippreparati jew ikkunsmati, kif ukoll xewwex lil haddiehor, inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt;

U aktar talli f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn is-6 ta' Frar, 2004 u s-snin ta' qabel din id-data, waqt li kien f'Santa Venera, ikkommetta serq ta' oggett, u cioe' stereo tal-karozzi kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat illi l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, kif ukoll illi ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll illi gie prezentat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti prodotti.

Rat illi l-imputat Falzon irtira l-ammissjoni tieghu ghall-ewwel akkuza (folio 141). L-Ispettur C Bartolo (dak iz-zmien) xehed illi hu kien mar jassisti fuq rapport li kienu gew arrestati zewg persuni fil-limiti tal-Imtarfa - dan minn PC 1469 u PC 1445. Ra hemm fdalijiet ta' karozza li kienet qed taqbad, ta' tip Peugeot li kellha registration number LMC321. Ra wkoll fil-vicinanzi karozza maqluba li kellha registration number JAM709, li ghalih kienet vicin hafna l-vettura li kienet qed taqbad. Fl-opinjoni ta' dan l-Ispettur, ghalih kien jidher illi s-sewwieq minn dawn it-tnejn tal-karozza maqluba kien fil-fatt inqaleb biha. Mill-investigazzjoni tieghu wasal li dawn it-tnejn minn nies kien jisimhom wiehed Charles Falzon (ko-imputat) u l-iehor certu Charles Tesi. Ghax ghalih dehru ecitati hafna saret anke tfittxija fuqhom, u minghand l-imputat Charles Falzon giet elevata spare key ta' karozza Peugeot.

Fuq tali hruq ta' vettura, saret Inkjesta. Gie nfurmat aktar tard illi certu Lawrence Grech kien ghamel rapport dwar serq ta' vettura. Irrizultalu mill-investigazzjonijiet tieghu, illi fil-vettura JAM709 – dik maqluba, kien hemm set roti bir-rimmijiet u wkoll jerry cans li kien fihom thinner, kif ukoll set number plates li kienu jappartjenu lil Peugeot mahruqa.

Ezebixxa c-cavetta elevata minn fuq Charles Falzon Dok CB; il-fdalijiet tal-vann misjuba ghand Charles Tesi Dok CB1; ritratti tal-van LMC321 Dok CB2; stqarrija ta' Lawrence Grech Dok LG; zewg stqarrijiet ta' Charles Falzon Dok CF1 u Dok CF2.

In kontro ezami dwar ir-rapport tal-vettura misruqa ta' Lawrence Grech, xehed illi hu kellu nformazzjoni li mart Grech kienet insistiet li jsir rapport.

PS 860 Keith Caruana minn naha tieghu xehed illi wara telefonata anonima li kien hemm vettura taqbad ir-Rabat, acceda fuq il-post fejn hemm iltaqa' ma' zewg pulizija ohra. Dawn kienu qed izommu zewg persuni. Rat fis-sit karozza maqluba u ohra li kienet qed tinharaq. Gol-vettura Seat Ibiza nnota li kien hemm xi rimmijiet ta' vettura - din kellha numru ta' registrazzjoni JAM709, din kienet il-karozza l-maqluba. Fl-istess ra anke number plate ta' vettura bin-numru LMC321. Dwar il-vettura li kienet qed tinharaq, iddeskriva li din la kellha number plate u lanqas roti – din il-Peugeot ghalih kienet iharqet sostanzjalment. Mill-investigazzjoni taghhom (tal-pulizija), irrizulta li l-plates misjuba kienu tal-Peogeot mahruq. Xehed ukoll illi kien hemm anke jerry cans li kien fihom riha ta' pitrolju.

Minn naha tieghu, il-Maggur 38 Paul Zahra xehed dwar ir-rapport li kien sar lilu minn certu Lawrence Grech dwar serqa ta' karozza LMC321. Ezebixxa r-rapport Dok PZ, rapport ta' din is-serqa. In kontro ezami dan qal illi kien Lawrence Grech li ghamel ir-rapport dwar is-serqa tal-vettura. Ma kinx jiftakar minn min kien akkumpanjat meta ghamel ir-rapport. Insista li kien Lawrence Grech, mhux martu - kif gie suggerit lilu mill-Avukat Difensur, li kien fil-fatt ghamel ir-rapport. Qal ix-xhud fil-fatt illi kieku l-mara fil-fatt kienet ghamlet ir-rapport, kien fil-fatt inizzel isem martu fuq l-istess. Fuq insistenza ta' hekk minn naha tal-Avukat Difensur, wiegeb illi ma kinx il-kaz, u li r-rapport sar minn Lawrence Grech.
Ezebixxa r-rapport Dok PZ, folio 135.

Paul Sciberras ghal Gasan Mamo Insurance xehed illi l-vettura LMC321 Peugeot 206 station wagon, kienet inxurjata fuq isem Lawrence Grech mill-perjodu 18.10.2003 sat-03.12.2004, u li qatt ma saru claims fuqha.

PC 1469 Tony Falzon xehed illi waqt night watch flimkien ma’ PC 1445, ircieva rapport mill-Control Room li kien hemm karozza qed taqbad taht l-Imdina. X’hin waslu fuq il-post, fejn ic-cimiterju tal-Imtarfa, jghid illi raw (hu u siehbu) zewg persuni gejjin lejhom. Waqqfuhom fuq suspett. Wasal fuq il-post anke l-Ispettur Bartolo (l-Ufficjal Prosekutur). Identifika z-zewg persuni bhala Charles Tesi u Charles Falzon. Ra wkoll faccata tas-sit Olive Gardens, vampa gejja mill-ghelieqi, irrizultalu li kienet karozza qed taqbad. Aktar tard ra karozza ohra maqluba f’ghalqa.

Minn naha tieghu PC 1445 Kevin Cauchi xehed ukoll illi acceda taht l-Imtarfa fejn ukoll ra zewg persuni li gew imwaqqfa minnhom. Affettwa (flimkien mal-kollega tieghu) search fuq il-persuna taghhom, fuq wiehed instabet cavetta ta’ karozza. Xehed li fil-vicin kien hemm Peugeot qed taqbad. Xehed illi ra vettura ohra fil-vicin maqluba li fiha nstabu landi tal-fuel. Ikkonstata wkoll riha ta’ fuel. Ikkonferma wkoll illi dawn iz-zewgt irgiel kienu Charles Falzon u Charles Tesi.

Xehed in kontro ezami li dawn iz-zewgt irgiel kienu qanqlulu suspett stante l-vicinanzi tal-incident, u ghax kienu bil-mixi meta wiehed minnhom kellu anke cavetta ta’ karozza fil-but. Dak il-hin ikkonferma pero li bejn din ic-cavetta u l-karozza maqluba, ma rrizultalu xejn.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, ittella’ jixhed in difesa certu wiehed Anthony Seguna. Dan qal illi kemm l-imputat Lawrence Grech kif ukoll martu Michelle kienu ghandu, u li l-ko-imputat jigi neputieh. Qal illi hargu xi hin mid-dar tieghu u f’daqqa wahda l-mara dahlet tghajjat li serqulhom il-karozza, ghalhekk mar maghhom l-ghassa biex jintavolaw rapport.

Qal illi f’dan ir-rigward hu kien ra lil Michelle titkellem, cioe’ taghmel ir-rapport, dan ghaliex dahal maghhom gewwa l-

ghassa. Xehed illi Lawrence pogga bil-qieghda fuq bank. Mistoqsi jekk rax lil Lawrence jitkllem mal-pulizija, wiegeb illi ma kinx jidhirlu, pero li kienu ghaddew disa'(9) snin. Sostna li Michelle bdiet titkellem mal-pulizija, li kienet ecitata u li dak li kien li fehem hu.

In kontro ezami wiegeb illi meta Michelle kienet ippanikkjata fuq in-nuqqas tal-vettura, Lawrence li kien prezenti ma qal xejn. Mistoqsi jekk l-ghassa waqt ir-rapport Lawrence kinx qal xi haga, wiegeb illi rah inkwetat u pogga fuq bank, u li "*……l-aktar Michelle qisha bdiet tispjega ruhha u hekk.*" (folio 178). Ikkonferma li Lawrence fl-ebda hin ma waqqafha milli taghmel ir-rapport. Lanqas li spjega lil Michelle x'kien gara qabel ir-rapport, lanqas ma ghamel dan wara li hargu mill-ghassa. Innega li Lawrence kif ghamel ir-rapport gie mizmum l-ghassa, anzi qal illi wara l-ghassa kien hu li wassalhom id-dar.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi certament bhala fatt jirrizulta li l-pulizija sabu karozzza taqbad (aktarx imqabbda) u ohra fil-vicinanzi taghha maqluba. Go din tal-ahhar - cioe' l-Peugeot, instabu n-number plates tal-karozza mahruqa; jerry cans bil-fuel jew riha ta' go fihom; u rimmijiet ta' karozza. Vicin l-incident, cioe' vicin il-vetturi, il-pulizija sabu u waqqfu fuq suspett lil Charles Tesi u l-ko-imputat Charles Falzon. Minn fuq Falzon giet elevata mill-pulizija cavetta ta' karozza Peugeot.
F'xi hin minn naha tieghu, Lawrence Grech dahhal rapport flimkien ma' martu li kienet insterqitlu l-karozza Peugeot LMC321.

Jirrizulta mill-PIRS ezebit a folio 52, illi l-plates ta' din il-vettura rapurtata misruqa nstabu gol-vettura maqluba.

Ma saru ebda ezamijiet dwar qbil ta' rimmijiet ma' dawk misjuba u mal-vettura mahruqa. Ma sarx qbil tac-cavetta misjuba ma' xi karozza.

Gew ezebiti wkoll l-istqarrijiet taz-zewg imputati – pero mancando anke l-fedina penali fid-dawl tas-sentenza Kostituzzjonali ta' Charles Stevens Muscat tat-08.10.2012, dawn m'ghandhomx ebda valur probatorju.

Illi dak li gara huwa ovvju – ftehim biex tinharaq il-karozza u jsir claim mal-insurance – x'gie ppruvat sal-grad li trid il-Ligi huwa haga ohra.

Lanqas prova cara ma ngabet illi dik il-karozza mahruqa kienet dik allegatament misruqa.

Per parentesi fjakk ukoll kien l-attentat tad-Difiza li tixhet it-tort u r-responsabbilta' tar-rapport ta' serq registrat fuq mart l-imputat Falzon!

Multo magis il-Qorti ma tistax tifhem kif setghet, stante t-tezi ta' kongura li temmen il-Prosekuzzjoni, (anke l-Qorti) tinkwadra l-akkuza ta' serq.

Detto tutto cio', fuq il-provi prodotti, il-Qorti qieghda tillibera lill-imputati mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------